



Brussell, 13 ta' Frar 2020
(OR. en)

6038/20

SAN 47
IPCR 7
PROCIV 11
COCON 5
RELEX 117

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	13 ta' Frar 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	6013/1/20 SAN 46 IPCR 6 PROCIV 10 COCON 4 RELEX 113
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar COVID-19 (13 ta' Frar 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar COVID-19, adottati mill-Kunsill fit-3751 laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Frar 2020.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR COVID-19

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ltaqa' illum biex jiżen l-implikazzjonijiet tat-tifqigħa ta' każijiet fil-bniedem ta' COVID-19, li bdew fiċ-Ċina f'Diċembru li għadda u li fit-30 ta' Jannar 2020 ġew iddikjarati Emerġenza għas-Saħħa Pubblika ta' Tħassib Internazzjonali mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO)¹.

Il-Kunsill jilqa' r-rispons effettiv fl-UE mill-Istati Membri, il-Kummissjoni, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) u l-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa (HSC), u r-rispons internazzjonali għat-theddida ta' tifqigħa possibbli ta' pandemija u jappella għal kooperazzjoni kontinwa u miżjuda kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell internazzjonali.

Peress li huma konxji li s-sitwazzjoni epidemjoloġika għadha qed tevolvi, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikomplu jaġixxu f'koordinazzjoni b'mod determinat sabiex jindirizzaw it-theddida kkawżata minn COVID-19 u biex jipprevjenu t-trażmissjoni ulterjuri lejn u fi ħdan l-UE tal-virus 2019-nCoV li jikkawżah. Għal dan il-għan, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

"IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. **JIRRIKONOXXI** li tifqigħat ta' mard ġdid li jittieħed bħal COVID-19 huma theddidiet potenzjalment globali għas-saħħa pubblika, b'mod partikolari minħabba l-volumi kbar u l-frekwenza tal-ivvjaġġar internazzjonali f'dinja globalizzata;
2. **JINNOTA** li l-każijiet ikkonfermati ta' COVID-19 huma kkawżati minn virus li jista' jiġi trażmess minn bniedem għal ieħor;

¹ [https://www.who.int/news-room/detail/30-01-2020-statement-on-the-second-meeting-of-the-international-health-regulations-\(2005\)-emergency-committee-regarding-the-outbreak-of-novel-coronavirus-\(2019-ncov\)](https://www.who.int/news-room/detail/30-01-2020-statement-on-the-second-meeting-of-the-international-health-regulations-(2005)-emergency-committee-regarding-the-outbreak-of-novel-coronavirus-(2019-ncov))

3. **JIEĦU NOTA** tal-Pjan Strateġiku ta' Tħejjija u Rispons dwar 2019-nCoV maħruġ mid-WHO fit-3 ta' Frar 2020², li għandu l-għan li jwaqqaf it-trażmissjoni ulterjuri tal-virus 2019-nCoV fiċ-Ċina u f'pajjiżi oħra, u li jtaffi l-impatt tat-tifqigħa fil-pajjiżi kollha u li jappella għall-mobilizzazzjoni ta' finanzjament b'appoġġ għall-istabbiliment ta' koordinazzjoni u appoġġ internazzjonali għall-operazzjonijiet, l-intensifikazzjoni tal-isforzi ta' tħejjija u rispons tal-pajjiżi u l-aċċellerazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' prijorità;
4. **JESPRIMI** s-solidarjetà tiegħu mal-persuni li ġew infettati madwar id-dinja kollha u mal-pajjiżi l-aktar milqutin, b'mod partikolari ċ-Ċina, u **JIDDIKJARA** li huwa lest biex, flimkien mal-Kummissjoni u f'kooperazzjoni mad-WHO u mal-awtoritajiet ta' dawn il-pajjiżi terzi, jeżamina l-modi u l-mezzi possibbli biex tingħata assistenza fil-ġlieda kontra din it-tifqigħa;
5. **IFAKKAR** li l-UE u l-Istati Membri tagħha jikkoordinaw u jikkooperaw mill-qrib fil-qasam tas-sigurtà tas-saħħa, billi jimplimentaw miżuri ta' ippjanar u ta' rispons u ppjanar tal-istat ta' tħejjija, kif ukoll billi jindirizzaw attivitajiet li jikkonċernaw l-ippjanar tal-kontinwità tal-operat, f'konformità mad-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa³, u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) fil-qasam tal-emerġenzi tas-saħħa⁴;
6. **JISSOTTOLINJA** l-importanza tal-azzjonijiet rapidi li ttieħdu flimkien mal-Kummissjoni, fil-qafas tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (IHR) tad-WHO, permezz tal-koordinazzjoni ta' miżuri ta' rispons inkluż it-traċċar tal-kuntatti u l-komunikazzjoni tar-riskju, u permezz tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar miżuri nazzjonali ta' prevenzjoni u tħejjija fi ħdan l-HSC u s-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Reazzjoni (EWSR), sabiex tiġi protetta s-saħħa pubblika;

² <https://www.who.int/docs/default-source/coronaviruse/srp-04022020.pdf>

³ Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE, ĠU L 293 tal-5.11.2013, p.1.

⁴ Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, ĠU L 347 tal-20.12.2013, p. 924.

7. **JILQA'** r-Riżoluzzjoni dwar it-Tisħiħ tat-Tħejjija għall-Emerġenzi tas-Saħħa; l-Implimentazzjoni tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (IHR, 2005), li ġiet adottata mill-Bord Eżekuttiv tad-WHO fit-8 ta' Frar 2020⁵;
8. **JILQA' WKOLL** il-ħidma li għaddejja bħalissa fid-WHO, il-Kummissjoni, l-ECDC u l-HSC, b'mod partikolari fuq il-linji gwida dwar definizzjoni komuni tal-każijiet, dwar maniġġar komuni tal-każijiet, u dwar informazzjoni lill-vjaġġaturi;
9. **JENFASIZZA** l-importanza tal-ħidma tal-ECDC fuq gwida teknika rigward l-analiżi, il-valutazzjoni tar-riskju u t-trattament tal-persuni infettati u l-kuntatti tagħhom, kif ukoll fuq il-protezzjoni tal-professjonisti fil-kura medika involuti, kif ukoll il-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) fuq it-trattamenti, it-tilqim u r-riċerka, il-ħidma tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) fuq kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tas-saħħa pubblika b'rabta mal-ivvjaġġar bl-ajru, u l-ħidma ta' aġenziji rilevanti oħrajn tal-UE;
10. **JILQA'** l-attivazzjoni rapida tal-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR)⁶ fil-modalità ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni, u tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili⁷, kif ukoll it-tisħiħ tal-assistenza konsulari b'rispons għat-tifqigħa ta' COVID-19;
11. **JIRRIKONOXXI** li l-effettività tal-miżuri nazzjonali meħuda fil-fruntieri u l-punti ta' dħul tal-UE għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika, inkluż il-miżuri li diġà ttieħdu mill-Istati Membri fil-kuntest tat-tifqigħa ta' COVID-19, tista' tissaħħaħ aktar bit-tisħiħ tal-koordinazzjoni li diġà għaddejja bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, fil-qafas tar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO;

⁵ EB 146/CONF./17 tat-8 ta' Frar 2020

https://apps.who.int/gb/ebwha/pdf_files/EB146/B146_CONF17-en.pdf

⁶ <https://www.consilium.europa.eu/en/policies/ipcr-response-to-crises/>

⁷ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_20_142

12. **JIRRIKONOXXI** li r-rispons għal theddid transkonfinali serju għas-saħħa jeħtieġ azzjoni kkoordinata bejn settur u ieħor fil-livelli nazzjonali, tal-UE u dak internazzjonali u jilqa' l-appoġġ tal-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-aġenzji rilevanti kollha tal-UE għal dak l-għan;
13. **JENFASIZZA** l-importanza li jissaħħaħ ir-rwol tad-WHO fil-maniġġar tat-tifqigħa, abbażi, fost l-oħrajn, tal-kontribut ikkoordinat tal-UE, b'mod partikolari biex jiġu żgurati skambji ta' data epidemjoloġika f'ħin reali;
14. **JISSOTTOLINJA** l-ħtieġa li jiġi żviluppat approċċ ikkoordinat mad-WHO, inkluż l-esplorazzjoni ta' possibbiltajiet ta' finanzjament volontarju, biex jingħata appoġġ lill-pajjiżi b'sistemi tas-saħħa aktar dgħajfa, f'konformità mal-prinċipju ta' solidarjetà globali;
15. **IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jaġixxu flimkien, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, b'mod proporzjonat u xieraq skont ir-rakkomandazzjonijiet tad-WHO u l-parir tal-ECDC, fuq il-linji li ġejjin:**
- a) jieħdu l-miżuri meħtieġa u xierqa biex jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, b'kont meħud tal-attenzjoni partikolari li għandha tingħata lill-forom kollha tal-ivvjaġġar internazzjonali. Dawk il-miżuri għandhom jiżguraw b'mod partikolari li:
- il-punti kollha tad-dħul tal-UE għandhom il-mezzi biex jipprovdu l-informazzjoni u l-gwida meħtieġa lill-persuni b'riskju akbar li jgħorru l-virus 2019-nCoV, dwar kif ifittxu parir u kura mediċi xierqa;
 - pjanijiet u riżorsi ċari huma fis-seħħ sabiex jipprovdu kura xierqa f'ambjenti ta' kura tas-saħħa għal trasportaturi suspettati u kkonfermati tal-virus 2019-nCoV kif ukoll għal kwalunkwe azzjoni oħra meħtieġa bħalma hu t-traċċar ta' kuntatti;
 - tiġi pprovduta informazzjoni, fl-UE kollha, lill-vjaġġaturi internazzjonali li jaslu, jew li jkunu fi transitu miż-żoni milquta u li tali persuni jkunu jistgħu jiġu traċċati;
 - meta ġustifikat miċ-ċirkostanzi, il-vjaġġaturi li jaslu jew li jkunu fi transitu miż-żoni milquta jistgħu jintalbu jipprovdu informazzjoni dwar jekk kinux f'kuntatt ma' persuni minn dawk iż-żoni;

- l-għoti ta' gwida u informazzjoni lill-ħaddiema tal-kura tas-saħħa u lill-pubbliku ġenerali;
 - il-persunal tal-isptar li jittratta l-pazjenti jkollu protezzjoni xierqa;
- u għandhom jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO maħruġa abbażi tal-IHR, il-ħidma tal-HSC, il-parir tal-ECDC, u l-pjanijiet u l-linji gwida nazzjonali;
- b) jiżviluppaw koordinazzjoni mill-qrib u msaħħa bejn l-Istati Membri biex tiġi żgurata l-effettività tal-miżuri kollha, inkluż, jekk ikun meħtieġ, miżuri rigward l-ivvjaġġar, filwaqt li jiġi salvagwardjat il-moviment liberu fl-UE, biex tiġi żgurata l-aħjar protezzjoni tas-saħħa pubblika u jiżdied l-għarfien tal-pubbliku ġenerali fir-rigward tal-COVID-2019;
- c) fil-qasam tal-monitoraġġ u s-sorveljanza, jikkondividu b'mod kontinwu informazzjoni dwar l-evoluzzjoni tal-virus 2019-nCoV fit-territorju tagħhom permezz tal-istrutturi Ewropej u internazzjonali eżistenti, f'konformità mal-IHR u d-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE;
- d) fil-qasam tad-dijanjosi u t-trattament, skont id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE u f'konformità mal-Artikolu 44 tal-IHR, ikomplu juru solidarjetà u kooperazzjoni, fl-appoġġ li jagħtu lil xulxin u lill-komunità globali fl-identifikazzjoni tas-sors tal-virus 2019-nCoV u l-potenzjal sħiħ tiegħu għal trażmissjoni minn bniedem għal ieħor, fl-iżvilupp tat-trattament meħtieġ, fit-tfassil ta' linji gwida għall-maniġġar komuni tal-każijiet, fil-kondiviżjoni tal-kapaċità ta' dijanjosi kif ikun meħtieġ u fl-ottimizzazzjoni tal-użu ta' antivirali;
- e) fil-qasam tal-komunikazzjoni, l-użu, kif adatt, tal-HSC u n-Netwerk tal-Komunikaturi tiegħu, jipprovdi informazzjoni u gwida kkoordinati, preċiżi, f'waqthom u konsistenti lill-pubbliku ġenerali dwar COVID-19, abbażi ta' evidenza u data disponibbli, u b'hekk jiġu miġġielda l-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni, li jistgħu, bħala wieħed mill-effetti tagħhom, iwasslu għal diskriminazzjoni;
- f) fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp, jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin, u, fejn xieraq, mal-industrija u mal-akkademiċi, biex jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' vaċċin pilota kontra COVID-19, u l-iżvilupp ta' dijanjostika u antivirali;

16. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex:

- a) tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni transettorjali bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari dwar is-sorveljanza, il-valutazzjoni tar-riskju, il-maniġġar tar-riskju u l-kontromiżuri għal COVID-19 fi ħdan l-UE;
- b) fi ħdan l-HSC u, kif ikun adatt, fil-qafas tal-UCPM, tappoġġa proposti għal miżuri kkoordinati għall-fażijiet possibbli li jmiss tat-tifqigħa, abbażi tal-informazzjoni xjentifika disponibbli;
- c) tattiva l-mekkaniżmi ta' finanzjament eżistenti biex tiġi appoġġata l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fit-tħejjija u fir-rispons għat-theddida għas-saħħa kkawżata minn COVID-19 fil-qafas tal-programmi u l-attivitajiet eżistenti tal-UE;
- d) tkompli teżamina l-possibbiltajiet kollha disponibbli, speċjalment l-akkwist konġunt, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess meħtieġ għal tagħmir ta' protezzjoni personali meħtieġ mill-Istati Membri sabiex jiġu minimizzati n-nuqqasijiet potenzjali;
- e) tippromwovi fost l-Istati Membri l-allinjament ta' miżuri xierqa u kosteffikaċi mfassla biex jipproteġu u jsalvaw il-ħajjiet u li jimminimizzaw b'mod effiċjenti r-riskju ta' żieda fil-każijiet ta' COVID-19, kif ukoll l-applikazzjoni konsistenti ta' regoli adegwati għal kontromiżuri mhux farmaċewtiċi inkluż l-iżolament, il-kwarantina u t-tbeġħid soċjali abbażi tad-dinamika attwali tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, f'konformità mal-parir xjentifiku mill-ECDC u d-WHO;
- f) f'kooperazzjoni mal-EMA u l-aġenziji nazzjonali tal-mediċini, tevalwa l-konsegwenzi ta' theddid għas-saħħa globali bħal COVID-19 għad-disponibbiltà ta' mediċini fi ħdan l-UE u s-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista;
- g) issaħħaħ l-appoġġ għan-Netwerk ta' Komunikaturi tal-Kumitat tas-Sigurtà tas-Saħħa f'konformità mad-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u l-Proċeduri Operattivi Standard tan-Netwerk ta' Komunikaturi tal-Kumitat tas-Sigurtà tas-Saħħa.”